**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 883/2024 JVC**

**Dorianne Azzopardi (ID numru 434383M)**

**vs**

**Lawrence Azzopardi (ID numru 0336468M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti Dorianne Azzopardi talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-partijiet huma ahwa, ulied il-mejtin Anthony u Mary konjugi Azzopardi.

2. Illi Anthony Azzopardi gie nieqes nhar l-4 ta' Mejju, 2019, filwaqt li Mary Azzopardi giet nieqsa nhar id-19 ta' Ottubru 2022 (ara **Dok A** u **Dok B**).

3. Illi mir-ricerki testamentari li saru kemm fir-Registru Pubbliku, kif ukoll fil-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, irrizulta li:

   (i) il-wirt ta' Anthony Azzopardi huwa regolat permezz tal-ahhar testment tieghu datat 12 ta' Novembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Diane Magro liema testment kien *unica charta* flimkien ma' martu Mary Azzopardi (ara **Dok C**). Permezz ta' dan it-testment Anthony Azzopardi nnomina u stitwixxa bhala eredi universali tieghu u padruna assoluta tal-gid u l-beni kollha tieghu lil martu Mary sive Maria Azzopardi;

   (ii) il-wirt ta' Mary sive Maria Azzopardi huwa regolat permezz ta' zewg testmenti, wiehed illi huwa t-testment unica carta datat 12 ta' Novembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Diane Magro, u t-tieni wiehed permezz ta' testment datat is-6 ta' Settembru 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Diane Magro (ara **Dok D**). Permezz ta' dawn iz-zewg testmenti Mary sive Maria Azzopardi nnominat u istitwiet bhala eredi universali taghha u padrun assolut tal-gid u l-beni kollha taghha lil zewgha Anthony Azzopardi, u f'kaz ta' premorjenza tal-imsemmi Anthony Azzopardi hija nnominat u istitwiet bhala

eredi universali taghha lill-esponenti bintha Dorianne Azzopardi.

4. Illi Anthony Azzopardi gie nieqes qabel Mary Azzopardi, u ghalhekk Mary Azzopardi kienet l-eredi tal-istess Anthony Azzopardi.

5. Illi peress li Anthony Azzopardi gie nieqes qabel l-imsemmija Mary Azzopardi, skont id-dispozizzjoniet testamentarji ta' Mary Azzopardi, hija l-esponenti Dorianne Azzopardi li hija l-unika eredi ta' Mary Azzopardi.

6. Illi konsegwentement, bhala eredi universali ta' Mary Azzopardi, is-successjoni ta' Mary Azzopardi ddevolviet fuq l-esponenti, inkluz ukoll illi l-istess esponenti wirtet il-kawzi pendenti l-Qorti, li precedentement kienet parti fihom Mary Azzopardi, liema kawzi jirrigwardaw il-wirt ta' Lorenza Busuttil, li tigi omm Mary Azzopardi, u l-wirt ta' Salvatore Busuttil, li jigi missier Mary Azzopardi, u liema kawzi l-intimat huwa konxju dwar il-fatti taghhom.

7. Illi permezz tat-testment *unica charta* datat it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), it-testaturi hallew, bi qbil ma' xulxin u ezegwibbli minn wara jum mewt is-superstiti fosthom, diversi legati lit-tfal u n-neputijiet taghhom, inkluz lill-intimat;

8. Illi skont l-istess testment *unica charta*, it-testaturi ezentaw lill-eredi mill-obbligu tal-kollazzjoni u l-imputazzjoni fid-divizjoni eventwali tal-massa ereditarja taghhom, u inoltre iddikkjaraw illi jekk xi hadd mil-legatarji / beneficjarji tat-

testment *unica charta* taghhom jaqla' kwalunkwe tip ta' litigazzjoni bla bzonn, kontra l-eredi taghhom, dak responsabbli ghal tali litigazzjoni jiddekadi minn kull beneficcju lilhom derivanti mill-istess testment;

9. Illi permezz tas-seba' Artikolu tal-parti rispettiva t-testaturi tat-testment datat it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), Anthony u Mary konjugi Azzopardi hallew b'titolu ta' legat u in piena proprjeta' ezegwibbli minn wara jum mewt is-superstiti fosthom, ossia wara l-mewt tat-tnejn li huma, is-somma ghal darba wahda biss ta' sebghin elf Ewro (€ 70,000) a favur ta' binhom Lawrence Azzopardi (il-Legatarju), bid-dritt tas-sostituzzjoni vulgari a favur ta' uliedu u / jew dixxendenti tieghu;

10. Illi l-esponenti ghalhekk, in ezekuzzjoni tal-obbligi testamentarji, permezz ta' kuntratt ta' immissjoni fil-pussess ippubblikat fit-tnax t'Ottubru tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (12/10/2023) fl-atti tan-Nutar Dottor Diane Magro (ara **Dok. E**), immittiet fil-pussess is-somma ta' sebghin elf Ewro (€ 70,000), lill-intimat *qua* legatarju, ai termini ta' l-istess testment *unica charta* tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema testment jirregola is-successjoni tal-mejtin Anthony u Mary konjugi Azzopardi;

11. Illi l-intimat *qua* legatarju iddikjara li rcieva dan il-pagament ghas-saldu (*in full and final settlement)* tal-legat li huwa dovut lilu mill-wirt tal-genituri tieghu Anthony u Mary, konjugi Azzopardi, inkluz ta' kwalsiasi pretensjoni ta' mghax li seta' akkumula fuq l-istess legat, kif ukoll akkont tas-sehem tieghu mill-porzjon rizervat li ghandu jiehu mill-wirt tal-genituri

tieghu Anthony u Mary, konjugi Azzopardi, u dan ai termini tal-Artikolu 620 (5) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Illi in vista ta' dan il-hlas u ta' dan l-att pubbliku, l-intimat *qua* legatarju ddikjara li huwa m'ghandu ebda pretensjoni ta' kwalunkwe natura fil-konfront tal-esponenti ghar-rigward dan il-legat u li ghalhekk irrinunzja u ceda kwalunkwe pretensjoni u dritt li seta' kellu fir-rigward dan il-legat.

13. Illi inoltre permezz ta' ittra ufficcjali datata 11 ta' Awissu, 2023, mibghuta mill-intimat lill-esponenti (ara **Dok. F**), b'risposta ghall-ittra ufficcjali datata 21 ta' Lulju, 2023, mibghuta mill-esponenti lill-intimat, l-intimat nterpella lill-esponenti sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tal-porzjon rizervat pretiza minnu, u dan skont l-artikolu 615 (2) tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

14. Illi fuq il-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess, gie ddikjarat u kkonfermat li l-esponenti ghaddiet lill-intimat lista dettaljata b'komputazzjonijiet dwar il-porzjon rizervata dovuta lill-istess intimat; kif ukoll li l-esponenti offriet lill-intimat il-hlas tad-differenza tas-sehem rizervat dovut lilu, ghab-bazi tal-artikolu 620 (4) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

15. Illi fuq il-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess l-intimat iddikjara li kien ghad jonqsu jivverifika l-komputazzjonijiet mibghuta u li ghalhekk f'dak l-istadju irrizerva d-dritt li hu ghandu ghall-porzjon rizervat.

16. Illi minkejja l-komputazzjonijiet kollha dettaljati mibghuta mill-esponenti lill-intimat, relattivi ghall-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti, inkluz *statements* mibghuta regolarment sahansitra wara l-immissjoni fil-pussess tal-legat fuq citat, u minkejja li jirrizulta ampjament li l-esponenti m'ghad fadlilha tiehu l-ebda rikavat ulterjuri oltre dak iddikjarat fl-*istatements,* mill-eredita' in kwistjoni (inkluz l-eredita' ta' Lorenza Busuttil u Salvatore Busuttil), l-intimat xorta wahda naqas li jersaq biex jikkonferma l-likwidazzjoni tal-porzjon rizervat pretiza minnu jew almenu li jiddiskuti tali likwidazzjoni, b'mod li l-esponenti ma nghatat l-ebda *feedback* f'dan ir-rigward.

17. Illi l-esponenti sahansitra offriet lill-intimat is-somma ta' €16,729.59 rapprezentanti hlas bla kundizzjoni u akkont tal-bilanc minnu pretiz bhala sehem rizervat [u dan oltre l-ammont ta' €70,000 diga' mghoddi lilu bhala legat].

18. Illi minkejja din l-offerta, l-intimat baqa' m'accettax tali hlas.

19. Illi fl-20 ta' Mejju, 2024, l-esponenti ghalhekk ghaddiet biex tiddepozita permezz tac-Cedola numru 1108/2024, l-ammont globali ta' sbatax-il elf u ghaxar Euro u disgha u sebghin centezmu (€17,010.79), liema ammont jinkludi wkoll id-differenza fil-valur ta' ishma derivanti mill-wirt ta' Anthony u Mary, konjugi Azzopardi, u dan rapprezentanti hlas bla kundizzjoni u akkont tal-bilanc pretiz mill-intimat bhala sehem rizervat [u dan oltre l-ammont ta' €70,000 diga' mghoddi lilu bhala legat] (ara **Dok. G**).

20. Illi dan id-depozitu sar biex l-esponenti ma tesponiex ruhha potenzjalment ghal hlas ta' mghax fuq is-sehem rizervat mitlub mill-intimat.

21. Illi l-esponenti pero' trid li tinghata kwittanza fuq is-sehem rizervat pretiz minn huha l-intimat.

Ghalhekk qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiffissa zmien perentorju ta' mhux aktar minn tlett xhur sabiex l-intimat iressaq il-pretenzjoni tieghu quddiem il-Qorti, fejn hu qed jivvanta d-dritt ta' sehem rizervat fuq il-wirt tal-genituri tal-kontendenti, oltre l-legat li thalla lilu fit-testment;

2. F'kaz li l-intimat jonqos milli jottempora ruhu mal-ordni moghtija hawn fuq, tordna lill-istess intimat li jigi prekluz ghal dejjem mill-possibbilta li javvanza pretenzjonijiet simili fil-futur fuq l-istess pretenzjoni tieghu, u kwindi tordna lill-intimat li jibqa' mizmum f'silenzju perpetwu fuq tali pretenzjoni tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.'

Rat illi l-intimat Lawrence Azzopardi debitament notifikat permezz tal-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, ma prezenta ebda risposta fiz-zmien moghti lilu skont il-ligi u fil-verbal datat 5 ta' Gunju 2025 l-istess intimat gie dikjarat kontumaci. Rat illi fl-istess verbal il-Qorti semghet trattazzjoni da parti tar-rikorrenti u r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-intimat li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet f'terminu mpost fuqu.

Rat li ma gew esebiti l-ebda sottomissjonijiet mill-intimat.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikors odjern jikkonsisti f'kawza ta' jattanza fejn ir-rikorrenti, eredi tal-genituri taghha, qed titlob li din il-Qorti tiffissa zmien perentorju ta' mhux aktar minn tlett xhur sabiex l-intimat, li jigi huha, iressaq il-pretensjoni tieghu dwar id-dritt tas-sehem riservat mill-wirt tal-genituri tal-partijiet quddiem il-Qorti oltre l-legat li thalla lilu fit-testment tal-istess. Titlob ukoll li f'kaz li l-intimat jonqos milli jottempera ruhu mal-ordni moghtija hawn fuq, tordna lill-istess intimat jigi prekluz ghal dejjem mill-possibbilta' li jressaq pretensjonijiet simili fil-futur fuq l-istess pretensjoni tieghu u kwindi tordna lill-intimat li jibqa' mizmum f'silenzju perpetwu fuq tali pretensjoni tieghu.

Rat l-artikoli 403 sa 415 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar il-procedura specjali ta' Jattanza.

Rat ic-certifikati tal-mewt ta' Anthony Azzopardi a fol. 6 tal-process u ta' Mary Azzopardi a fol. 7 tal-process. Rat il-kopja tat-testment unica carta ta' Anthony u Mary Azzopardi a fol. 8 tal-process datat 12 ta' Novembru, 2013 u tat-testment ta' Mary Azzopardi datat is-6 ta' Settembru, 2022 a fol. tal-process. Rat il-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess datat it-12 ta' Ottubru, 2023 u hadet kont tal-kontenut tal-istess. Rat il-kopja tal-ittra ufficcjali datata l-11 ta' Awwissu, 2023 (fol. 30) u rat il-kontenut taghha. Rat il-kopja tac-cedola ta' depozitu msemmija fir-rikors guramentat bin-numru 1108/2024 a

fol. 31 tal-process li permezz taghha ir-rikorrenti odjerna iddepozitat is-somma ta' sbatax-il elf Euro (€17,000) favur l-intimat bla kundizzjoni akkont tal-legittima.

**Rat l-affidavit ta' Dorianne Azzopardi a fol. 34** tal-process fejn hija tirrepeti u terga' tikkonferma dak kollu gia sottomess fir-rikors guramentat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi jirrizulta lill-Qorti li mid-data tal-ittra ufficcjali esebita cioe' 11 ta' Awwissu, 2023 li effettivament ir-rikors guramentat odjern gie prezentat fi ftit anqas minn zmien sena kif impost mill-ligi. Rat ukoll li l-pretensjoni tal-intimat mihiex wahda incerta jew dipendenti fuq xi kundizzjonijiet li jridu javveraw ruhhom w'ghalhekk jappikaw ghall-kaz odjern l-artikoli suesposti.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis li l-kundizzjonijiet tal-ligi sabiex jigu applikati l-artikoli suesposti huma sodisfatti mill-fatti tal-kaz w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba filwaqt li tirriserva li tiddeciedi dwar it-tieni talba wara t-terminu li ser jigi impost fuq l-intimat ai termini tal-artikolu 408 jiskadi.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tilqa' l-istess kif dedotta u timponi terminu ta' tlett xhur mil-lum fuq l-intimat sabiex iressaq il-pretensjoni tieghu quddiem il-Qorti, fejn fiha jivvanta d-dritt ta' sehem rizervat fuq il-wirt tal-genituri tal-kontendenti, oltre l-legat li thalla lilu fit-testment.

Tiddiferixxi l-kawza ai fini tat-tieni talba ghal nhar l-4 ta' Novembru, 2025 fl-9.25a.m.

Bl-ispejjez sa dan l-istadju kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**15 Lulju 2025**